C/2026/6059

17.11.2026

Avviż għall-attenzjoni tal-entità soġġetta għall-miżuri restrittivi previsti fid-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2019/797, kif emendata bid-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2026/2546, u fir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2019/796, kif implimentat bir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2026/2550 dwar miżuri restrittivi kontra attakki ċibernetiċi li jheddu lill-Unjoni jew l-Istati Membri tagħha

(C/2026/6059)

L-informazzjoni li ġejja qed tingħieb għall-attenzjoni tal-entità li tidher fl-Anness tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2019/797 ([1]), kif emendata bid-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2026/2546 ([2]), u fl-Anness I tar-Regolament tal-Kunsill (UE) 2019/796 ([3]), kif implimentat bir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2026/2550 ([4]) dwar miżuri restrittivi kontra attakki ċibernetiċi li jheddu lill-Unjoni jew l-Istati Membri tagħha.

Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea ddeċieda li l-entità li tidher fl-Annessi msemmija hawn fuq għandha tiġi nkluża fil-lista ta' persuni fiżiċi u ġuridiċi, entitajiet u korpi soġġetti għall-miżuri restrittivi previsti fid-Deċiżjoni (PESK) 2019/797 u fir-Regolament (UE) 2019/796. Ir-raġunijiet għall-elenkar tal-entità ikkonċernata jidhru fl-entrati rilevanti f'dawk l-Annessi.

Qed tingħibed l-attenzjoni tal-entità kkonċernata dwar il-possibbiltà ta' rikors lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat jew Stati Membri rilevanti kif indikati fuq is-siti web fl-Anness II tar-Regolament (UE) 2019/796 dwar miżuri restrittivi kontra attakki ċibernetiċi li jheddu lill-Unjoni jew l-Istati Membri tagħha, sabiex tinkiseb awtorizzazzjoni biex il-fondi ffriżati jintużaw għal ħtiġijiet bażiċi jew pagamenti speċifiċi.

L-entità kkonċernata tista' tibgħat talba lill-Kunsill, flimkien mad-dokumentazzjoni ta' appoġġ, biex id-deċiżjoni li tiġi inkluża fil-listi msemmija hawn fuq tiġi kkunsidrata mill-ġdid, **qabel il-15 ta' Jannar 2027**, fl-indirizz li ġej:

Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Segretarjat Ġenerali
RELEX.1
Rue de la Loi/Wetstraat 175
1048 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË
Email: sanctions@consilium.europa.eu

Kwalunkwe osservazzjoni li tasal ser titqies għall-fini tar-rieżami perjodiku tal-Kunsill, f'konformità mal-Artikolu 10 tad-Deċiżjoni (PESK) 2019/797 dwar miżuri restrittivi kontra attakki ċibernetiċi li jheddu lill-Unjoni jew l-Istati Membri tagħha.

L-attenzjoni tal-entità kkonċernata qed tingħibed ukoll għall-possibbiltà li tikkontesta d-deċiżjoni tal-Kunsill quddiem il-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea, skont il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 275, it-tieni paragrafu, u l-Artikolu 263, ir-raba' u s-sitt paragrafi, tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

([1]) ĠU L 129 I, 17.5.2019, p. 13, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2019/797/oj.
([2]) ĠU L, 2026/2546, 16.11.2026, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2026/2546/oj.
([3]) ĠU L 129 I, 17.5.2019, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2019/796/oj.
([4]) ĠU L, 2026/2550, 16.11.2026, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2026/2550/oj.